TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/134/23/S

Sue Anne Azzopardi

vs

Stefania Stivala eżerċenti l-kummerċ bħala Direct Vision

Illum 5 ta' Gunju, 2025

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba ta' Sue Anne Azzopardi ppreżentat fis-27 ta' Lulju, 2023, filwaqt li l-intimata ma ppreżentatx risposta għalkemm it-talba rikorrenti hi kontestata;

Ra d-dokumenti ppreżentati, semà lill-partijiet, kif ukoll lix-xhieda mressqa u t-trattazzjoni tagħhom magħmula fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2023;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda *Robot* tat-tip *Xiaomi* li ftit wara li għaddiet sena mix-xiri tiegħu, r-rikorrenti bdiet tallega li kellha xi problemi fih;

Illi l-intimata spjegat illi bidlu diversi oġġetti u ċioe ċ-*charging dock*, kif ukoll il-batterija;

Illi jingħad mal-ewwel kif anke stipulat fil-ġurisprudenza nostrana fil-kawżi ċivili li l-verżjonijiet konfliġġenti m'għandhomx iwasslu awtomatikamnet għat-tħaddim tal-prinċipju ta' *actore non probante reus absolvitor* jew inkella dak ta' *in dubio pro reo* kif stabbilit fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-8 ta' Ottubru 2020 fl-ismijiet "**Stephen Tanti *et* vs Louis Scerri Montaldo**";

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

Għalhekk min irid jiddeċiedi jrid jara min liema waħda fost il-verżjonijiet mogħtija tkun l-aktar waħda li titwemmen u li wieħed jista' joqgħod fuqha u dan kif stabbilit fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' April 2024 fl-ismijiet "**Antoine Scerri *et* vs Bartolo Meo sive Robbie Debono et**";

Illi għalhekk min jiddeċiedi għandu jużа a diskrezzjoni tiegħu sabiex mill-provi miġbura waqt is-smigħ tal-kawża, wieħed iqis liema minn dawk il-provi jkunu l-iktar kredibbli u xierqa sabiex wieħed jasal għal konvinċiment ħieles tiegħu, u għalhekk il-ġudikant jista' jaċċetta x-xhieda ta' wħud u jwarrab oħrajn, jew fi kliem ieħor jsir gudizzju fuq ċertu provi aktar milli fuq oħrajn u dan kif stabbilit fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Frar 2024, fl-ismijiet "**F. Advertising Limited vs Joseph Borg**";

Illi l-intimata sostniet illi meta r-*robot* kien għandhom, dan ħadem sew u huwa biss meta kien għand ir-rikorrenti li bdew l-ilmenti u dan wara li kien diġa' inbidel iċ-*charging dock* u l-batterija;

Illi l-ilment tar-rikorrenti illi meta r-*robot* beda jmur f'postjiet fejn ma kienx intenzjonat li jmur u ċioe fiċ-*charging dock* dan jista' jkun problema ta' mapjar tal-post fejn ir-*robot* għandu jaħdem u jimraħ fil-post in kwistjoni;

Illi mill-provi mressqa mir-rikorrenti, ma ġiex pruvat illi dan ir-*robot* kien difettuż, iżda wara t-trapass ta' iktar minn sena, inbidlu mall-ewwel dawk il-partijiet illi ma baqgħux jaħdmu;

Illi l-fatt li kien hemm xi ilmenti ma jfissirx illi dan għandu jwassal biex b'mod awtomatiku wieħed jieħu l-flus lura sakemm dan l-oġġett jista' jissewwa meta ma ġiex pruvat illi l-oġġett in kwistjoni kien difettuż;

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba ta' Sue Anne Azzopardi filwaqt illi Jilqa' l-eċċezzjonijiet ta' Stefania Stivala eżerċenti l-kummerċ bħala Direct Vision, u b'dan illi

Jordna lil Stefania Stivala eżerċenti l-kummerċ bħala Direct Vision billi teżamina l-ilmenti li għadhom pendenti tar-rikorrenti u tindirizzhom u dan fi żmien ġimagħtejn mil-llum, b'kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru